MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 684/2004/1

**Brian Camilleri**

**v.**

**Maria Schembri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Settembru, 2004, l-attur talab li l-Qorti ssib lill-imħarrka responsabbli għall-ħsara li huwa ġarrab fil-karozza tiegħu tal-għamla Ford Mondeo, reġistrata BRI-

130, li kien qiegħed isuq nhar is-6 ta' Ġunju, 2004, wara nofsinhar fil-By-Pass tal-Imrieħel, limiti ta' Ħal Qormi, u dan minħabba manuvra għall-għarrieda li l-imħarrka għamlet waqt li kienet qegħda ssuq il-karozza tagħha tal-għamla Peugeot 106, reġistrata DAV-186; talab li d-danni mġarrbin minnu jkunu likwidati fl-ammont ta' ħdax-il elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltija u tnejn u tmenin ċenteżmi (Lm11,819.82) jew ammont ieħor, u li l-imħarrka tħallsu dawk id-danni, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali mibgħuta għall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont likwidat b'effett minn dakinhar li fetaħ il-kawża;

B'nota mressqa mill-imħarrka fl-1 ta' Lulju, 2005 (fol. 33 tal-process), din laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li dak li ġralu l-attur ma ġarax ħtija tagħha imma ħtija tal-istess attur u ta' ħuh li, dak il-ħin kienu qegħdin itellqu l-karozzi tagħhom b'ħeffa kbira li, minħabba fiha, l-attur tilef il-kontroll tal-karozza tiegħu; għalhekk, hija qalet li ma taħti xejn għall-ħsarat li ġarrab l-attur, u tikkontesta wkoll l-ammont ta' dannu li huwa jgħid li ġarrab, u li f'kull każ, imissu jissostanzjah bi provi;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Dicembru, 2006 bil-mod segwenti:

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"Filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imħarrka, tiċħad l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li għall-inċident tat-triq li seħħ fi Triq is-Sebħ, Ħal Qormi, fis-6 ta' Ġunju, 2004, kien jaħti biss l-istess attur li b'sewqan bla qies u bi ksur tar-Regolamenti kien jaħti huwa nnifsu għall-ħsara li ġarrbet il-karozza misjuqa minnu f'dak l-inċident;

"Minħabba f'hekk, tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn, billi l-imħarrka m'għandhiex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li ma ġrawx bi ħtija tagħha;

"Tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti ddecidiet hekk wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni għad-danni wara inċident tat-triq li fih il-karozza misjuqa mill-attur spiċċat maħbuta f'gandott ma' ġenb ta' triq li fiha kienet qegħda tinsaq. Ma kienx hemm ħabta bejn karozza u oħra. Imma l-attur jgħid li spiċċa fejn spiċċa minħabba li l-imħarrka – li wkoll kienet qegħda ssuq il-karozza tagħha fl-istess triq u fl-istess direzzjoni – għamlet manuvra għall-għarrieda li ħasditu. L-attur iqis li l-imħarrka taħti għal dak li ġara u jrid il-kumpens għall-ħsara kbira li ġarrab fil-karozza tiegħu;

"Illi l-imħarrka twarrab għal kollox kull xilja li jagħmel l-attur kontriha, u tisħaq li l-attur kien qiegħed isuq b'ħeffa kbira f'tellieqa li hu kien qiegħed jagħmel ma' ħuh li kien qed isuq karozza oħra. Hija tgħid li dak li ġralu l-attur ġabu b'idejh, u jekk m'għandux jagħmel tajjeb għalih ħuh, irid ibatih huwa nnifsu;

"Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża jirriżulta li dan l-inċident seħħ għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fis-6 ta' Ġunju, 2004, fi Triq is-Sebħ, l-Imrieħel (ukoll magħrufa bħala l-*By-Pass* tal-Imrieħel). L-attur kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Ford Mondeo, reġistrat BRI-130, li kien xtara ġdida ftit aktar minn xahrejn qabel, bin-nifs[1]. Hu kien sejjer fid-direzzjoni li mill-Imrieħel tagħti għal Ħal Qormi hekk kif wieħed jaqbeż l-istabilimenti kummerċjali tal-qasam industrijali tal-Imrieħel. L-imħarrka kienet qegħda ssuq karozza tal-għamla Peugeot 106, reġistrata DAV-186 u kienet hija wkoll nieżla fl-istess direzzjoni, imma fuq korsija differenti mill-attur, li kien qiegħed isuq fuq il-korsija ta' barra, jiġifieri dik biswit is-*centre strip*. Riekba mal-imħarrka, kien hemm in-neputija tagħha, li dak iż-żmien kienet tqila;

[1] Dok "Ċ", f'paġġ. 11-4 tal-proċess

"Illi għalkemm il-karozza misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-imħarrka ma ħabtux ma' xulxin, malli l-karozza tal-attur waqgħet fil-gandott, l-imħarrka waqqfet il-karozza tagħha u n-neputija tagħha marret tara jekk kienx hemm bżonn tagħti l-għajnuna. Minħabba li nqalgħu xi inċidenti bejn l-imħarrek u n-neputija, l-imħarrka telqet minn fuq il-post qabel ma ttieħed ir-rapport tal-inċident. Ir-rapport sar minn Gwardjan Lokali[2];

"Illi sar *survey*[3] fuq il-karozza tal-attur f'Lulju tal-2004, li wera li ma kienx galbu li l-karozza tissewwa minħabba l-ħsarat estensivi li kellha. F'dak ir-rapport, tqies li l-karozza kellha valur ta' tlettax-il elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm13,600) minnufih qabel l-inċident, filwaqt li l-fdalijiet tqies li kienu jiswew bejn elf Lira (Lm1000) u elf u mitejn Lira (Lm1200). Wara ftit ġimgħat, l-attur biegħ il-fdalijiet tal-karozza lil wieħed Joe Buttiġieġ għal elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1800)[4]. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-2004;

"Illi l-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li wieħed jistabilixxi d-dinamika tal-inċident. Dan jingħad għaliex, bħalma bosta drabi jiġri f'inċidenti bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet imdaħħlin fil-każ ikunu x'aktarx differenti minn ta' xulxin, u miżjuda b'doża qawwija ta' interpretazzjoni suġġettiva ta' dak li jkun seħħ tassew. Dan jgħodd aktar u aktar fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, fejn il-karozza tal-imħarrka u dik tal-attur ma ħabtux ma' xulxin;

"Illi tressqu żewġ verżjonijiet. L-attur jgħid li kien qed isuq wara ħuh (tul ta' xi għaxar karozzi bejniethom) u l-imħarrka ħabtet se tersaq għal fuqu fil-korsija ta' barra malli wasal ħdejha. L-imħarrka tgħid li l-attur u ħuh kienu qegħdin itellqu u waqt li ħu l-attur qabiżha minn fuq il-lemin tagħha, l-attur ipprova jaqbiżha minn fuq ix-xellug u xkana għal ġol-gandott li hemm fil-ġenb tat-triq;

"Illi fid-dawl tal-kostatazzjonijiet fattwali li saru, l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jirrigwardaw il-każ

[2] Ara Dokti "SC", "SC1" u "SC2", f'paġġ. 77 sa 84 tal-proċess
[3] Dok "D", f'paġġ. 15-6 tal-proċess
[4] Dok "BC", f'paġ. 90 tal-proċess

jinbnew fuq żewġ kweżiti. L-ewwel waħda hija l-kwistjoni tal-apprezzament tal-verżjonijiet tal-partijiet. Minn din, wieħed jimxi għall-kwistjoni tal-ħtija ta' dak li seħħ, marbuta magħha l-kwistjoni tal-kontributorjeta` tal-parti mġarrba għal dak li jkun seħħ;

"Illi għar-rigward tal-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi, huwa prinċipju stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[5];

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża (jiġifieri lil hinn mill-interpretazzjoni nnifisha mogħtija mill-partijiet) jirriżulta li biex l-attur spiċċa fil-gandott, qasam mill-korsija li kien fuqha għal dik tan-naħa ta' ġewwa. Jirriżulta wkoll[6], li l-attur tilef il-kontroll tal-karozza li kien qed isuq. Jirriżulta wkoll[7] li l-karozza misjuqa mill-attur ma ħalliet l-ebda marki tal-*brakes*. Jirriżulta li l-attur kien qed isuq xi ftit lura mill-karozza misjuqa minn ħuh. Jirriżulta wkoll li l-karozza misjuqa mill-attur kienet qegħda tinsaq b'ħeffa aktar minn dik li kienet qegħda tinsaq il-karozza tal-imħarrka, u li, f'xi ħin, l-attur kien qiegħed jaqbiżha;

"Illi, min-naħa l-oħra, jirriżulta li, f'xi ħin, l-imħarrka kienet qegħda ssuq fuq il-korsija ta' ġewwa. Ma ntweriex li l-imħarrka kienet qegħda ssuq b'ħeffa aktar minn dik permessa f'dik il-parti u f'dik l-għamla ta' triq: għall-kuntrarju, l-attur innifsu jgħid li hija kienet qegħda ssuq "bi *speed* baxx"[8]. Ħu l-attur, li kien qiegħed isuq quddiem l-attur, seħħlu jgħaddi minn ħdejn l-imħarrka bla xkiel minn fuq in-naħa tal-lemin tagħha. L-imħarrka tistqarr li kienet qegħda tħejji biex taqsam il-korsija tagħha biex tmur fuq dik ta' barra (jiġifieri lejn nofs it-triq) biex taħseb ħalli titla' minn fuq il-*flyover* li tgħaddi minn ħdejn il-mitħna l-qadima ta' Ħal Qormi. Dak il-ħin li qabżitha l-karozza misjuqa

[5] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[6] Xhieda ta' PS 238 Carter 21.2.2006, f'paġ. 98 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Stephen Cassar 24.1.2006, f'paġ. 87 tal-proċess
[8] Affidavit tiegħu, f'paġ. 68 tal-proċess

minn ħu l-attur hija tgħid li kienet għaddejja bejn korsija u oħra, u kulma semgħat kienet it-tvenvina tal-karozza li kienet qegħda taqbiżha;

"Illi dawn iċ-ċirkostanzi fattwali jwasslu biex toħroġ aktar verosimili l-verżjoni li l-attur u ħuh kienu qegħdin itellqu ma' xulxin u li l-attur tilef il-kontroll tal-karozza misjuqa minnu minħabba li sab lill-karozza misjuqa mill-imħarrka quddiemu;

"Illi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta` tal-inċident, il-Qorti tara li huwa ammess li l-attur, f'xi ħin, kien qiegħed wara l-karozza misjuqa mill-imħarrka. Għalkemm mhux neċessarjament ikun warajha preċiż, imma jibqa' l-fatt li huwa kellu mixħuta fuqu r-responsabbilta` ta' sewwieq li jkun wara sewwieq ieħor fil-konfront ta' dan. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li jara sewwa x'ikun qiegħed iseħħ quddiemu (imqar mis-sewwieq li jkun qiegħed isuq fuq quddiem) u li jassigura li s-sewqan tiegħu ikun b'mod li f'kull waqt ma jikkawżax preġudizzju lil min ikun quddiemu;

"Illi, min-naħa l-oħra, minħabba li l-imħarrka kienet qegħda taqleb minn korsija għal oħra, kellha wkoll tara li l-manuvra tagħha ma twassalx lil min ikun qiegħed isuq warajha (fuq korsija jew oħra) biex isib ma' wiċċu sitwazzjoni ta' periklu għalih. Qlib minn korsija għal oħra hija meqjusa bħala manuvra li taf toħloq periklu[9]. Manuvra bħal din iġġib magħha l-ħtieġa ta' mġiba għaqlija mis-sewwieq li jrid jagħmilha, b'indikazzjoni xierqa minn qabel, u b'mod li ma jsirux spostamenti għall-għarrieda lejn naħa jew oħra li jifxlu lil min ikun wara. Fuq kollox, manuvra bħal din trid tinbeda wara li s-sewwieq li jkun sejjer jaqleb il-korsija jkun ra sewwa x'hemm madwaru;

"Illi l-imħarrka tgħid li, x'ħin kienet sejra tibda l-manuvra li taqbad il-korsija ta' barra, ħarset fil-mera u rat li fuq il-korsija ta' barra ma kienet ġejja l-ebda karozza. Il-karozzi li kien hemm warajha kienu jinsaqu kollha fuq il-korsija li minnha kienet qegħda tinqala'. L-attur ma miera bl-ebda

[9] App. Inf. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Brincat vs Pio Lebrun***

mod din il-verżjoni. B’żieda ma’ dan hemm il-fatt li l-imħarrka ma kienitx qegħda ssuq b’ħeffa. Il-mistoqsija li tinqala’ hija kif, allura, jekk l-imħarrka ma rat xejn warajha fuq il-korsija ta’ barra, malli kienet f’nofs korsija sabet qribha ż-żewġ karozzi tal-attur u ta’ ħuh?;

“Illi l-attur jgħid li l-imħarrka bdiet tagħmel il-manuvra tagħha li tersaq għal fuq il-korsija tiegħu hekk kif huwa kien għoddu wasal ħdejha, wara li kienet diġa` għamlet l-istess tentativ meta ħuh kien wasal ħdejha ftit aktar qabel[10]. Fl-istess waqt, imma, jgħid li hija reġgħet marret lura għall-korsija tagħha imma huwa xorta waħda qaleb għal kollox lejn ix-xellug u tilef il-kontroll tal-karozza tiegħu u spiċċa fil-gandott. Dan juri li, f’kull ħin, l-attur kellu l-karozza tal-imħarrka taħt għajnejh u kien qiegħed jara l-manuvra li kienet qegħda tagħmel. Din il-verżjoni tal-attur ukoll tixħet dawl dwar ir-responsabbilta` ta’ dak li ġara. Turi li l-attur seta’, kieku ried, jibqa’ miexi fuq il-korsija ta’ barra (kieku tassew dan kien fejn qed jgħid li kien) mingħajr ma jkollu jagħmel manuvri estremi, u dan għaliex, fi kliemu stess, l-imħarrka reġgħet lura għall-korsija li kienet fuqha malli lemħitu ħdejha. Turi, fuq kollox, li s-sewqan kien wieħed qawwi, għaliex joħroġ ċar li l-attur ma kienx baqa’ fil-kontroll tal-karozza[11]. Minħabba x-xejra tat-triq fejn sar l-inċident (li hija twila, dritta, wiesgħa u tagħti viżwali tajba sa minn ċertu bogħod), minħabba ż-żmien tas-sena (ma ssemmiex li l-asfalt kien niedi jew imxarrab bix-xita), minħabba l-ħin tal-jum tal-inċident (fl-eqqel tad-dawl tax-xemx li, dak il-ħin, tkun għadha fil-għoli) u minħabba li lanqas tħallew marki tal-*brakes*, jidher li l-attur ma għamel l-ebda tentativ li jnaqqas dik il-veloċita` u li ġab lilu nnifsu fi stat fejn espona lilu nnifsu għal dak li ġralu;

“Illi, min-naħa l-oħra, il-Qorti, kontra dawn l-elementi, għandha verżjoni (dik li l-imħarrka għamlet manuvri għall-għarrieda u tisrip minn korsija għal oħra) li ma tirriżultax marbuta ma’ fatti konkreti lil hinn mill-verżjoni tal-attur. Verżjoni din li, wieħed mix-xhieda mressqin minnu[12], qal li

[10] Xhieda ta’ Dennis Camilleri 20.3.2006, f’paġ. 112 tal-proċess
[11] App.Krim. Inf. **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Neville John Psaila***
[12] PS238 Carter, f’paġ. 98 tal-proċess

semmihielu l-ewwel darba mhux x'ħin mar fuq il-post tal-inċident minnufih wara l-ħabta, imma aktar tard dakinhar filgħaxija, meta mar isibu l-għassa fejn kien stazzjonat ix-xhud. Ċirkostanza oħra hija l-fatt li l-imħarrka waqqfet biex tara x'seta' ġralu l-attur, u, meta ħdejn l-attur marret in-neputija li kienet riekba bħala passiġġier magħha, l-attur xela lil din bla ma lanqas biss kienet qegħda ssuq hi[13];

"Illi, meta wieħed iqis dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li għandha aktar għaliex toqgħod fuq il-verżjoni mogħtija mill-imħarrka milli dik mogħtija mill-attur. Tasal ukoll biex tqis li l-attur kien qiegħed jipprova jaqbeż lill-imħarrka min-naħa tax-xellug tagħha u li, bil-ħeffa li biha kien qiegħed isuq, ma kellux kontroll sħiħ tal-karozza misjuqa minnu u ġiegħel lill-imħarrka tirrejaġixxi biex tevita li jaħbat magħha u li dan l-għamil tagħha ħasdu. Sorpass minn fuq in-naħa tax-xellug imur kontra r-Regolamenti[14], u bħala regola, m'għandu jsir qatt jekk mhux meta s-sewwieq ta' quddiem ikun sejjer jidħol fi triq oħra fuq il-lemin tiegħu[15];

"Illi, fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, issib li l-attur kien jaħti għall-inċident u li huwa ikkontribwixxa għalih b'mod sinjifikativ jekk mhux saħansitra esklussiv. Għalhekk, minħabba li huwa ikkontribwixxa għal dak li ġara, l-ħtija ma tistax tintefa' fuq l-imħarrka, imma għandu jġorrha huwa nnifsu;

"Illi għalhekk, billi l-imħarrka ma ġarrbet l-ebda ħsara fl-imsemmi inċident, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tistħarreġ dwar il-ħsara li ġarrab l-attur. Lanqas ma huwa l-każ li l-Qorti tidħol fil-kejl tal-likwidazzjoni tad-danni li l-attur fil-fatt ġarrab. Mis-sejbien tar-responsabbilta` tiegħu, kull ħsara li seħħet ibatiha hu;"

## L-appell tal-attur.

L-attur hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fil-21 ta' Dicembru, 2006 talab

[13] Xhieda ta' Daniela Vella 14.6.2006, f'paġ. 124 tal-proċess
[14] Reg 63 tal-MVR
[15] P.A. DS **21.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd. vs Jacqueline Galea***

li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

Il-konvenuta ressqet risposta (datata 24 ta' Ottubru 2007) ghal dan l-appell fejn sostniet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Gunju, 2004 ghal habta tat-3.00 p.m. fis-Santa Venera By Pass. Fl-incident ma kienx hemm kuntatt bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenuta, izda l-attur isostni li huwa garrab hsarat fil-vettura tieghu meta baqa' diehel f'gandott mal-genb tat-triq minhabba manuvra inaspettata u li hasditu ezegwita mill-konveuta.

Qabel l-incident iz-zewg vetturi misjuqa mill-kontendenti kienu sejrin fid-direzzjoni ta' Hal Qormi mid-direzzjoni ta' H'Attard. Irrizulta li l-attur kien qed isuq fil-korisija ta' barra u cioe` qrib is-*centre strip* filwaqt li l-konvenuta kienet miexja fl-istess direzzjoni pero` fuq il-*lane* ta' mal-bankina. Kif il-vetturi waslu qrib il-*bridge* fit-tarf tal-imsemmija Santa Venera By Pas il-konvenuta ittentat tbiddel il-*lane* billi tohrog fil-*lane* ta' mas-*centre strip,* u f'dak il-mument, waqt li kienet ghadha bejn korsija u ohra, giet sorpassata min-naha tal-lemin taghha minn hu l-attur, mentri l-attur ittanta jaghmel sorpass minn fuq in-naha tax-xellug tal-konvenuta u spicca fil-gandott imsemmi. Bhala rizultat l-attur sofra danni ingenti tant li l-vettura tieghu giet dikjarata bhala *total loss*.
L-ewwel Qorti, ezaminati l-provi prodotti, waslet ghall-konkluzzjoni li fil-mument tal-incident l-attur kien qed itellaq ma' huh u minhabba l-i*speed* eccessiv tilef il-kontrol tal-vettura tieghu meta l-konvenuta ghamlet manuvra biex ma tigix milquta. L-ewwel Qorti ghalhekk kkonkludiet li l-attur ikkontribwixxa b'mod sinjifikattiv ghall-incident u ghalhekk il-htija ghall-akkadut ma tistax tintefa fuq il-

konvenuta, u l-attur ghandu jgorr il-htija kollha hu. Konsegwentement t-talbiet attrici gew michuda.

L-appellant qed jilmenta mis-sentenza riportata billi, skond hu, "l-ewwel Onor. Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien jahti ghall-incident wara, bir-rispett kollu, analisi *ictu* oculo totalment zbaljata ta' kif sehh l-incident u minghajr ma kkunsidrat principji centrali fis-sewqan bhalma huma il-principju ta' *ezasive action* da parti ta' l-appellant u *lack of proper look out* da parti ta' l-appellata."

Fir-risposta taghha l-konvenuta appellata rrilevat li dak li kien qed jigi sottomess mill-appellanti kien essenzjalment jikkonsisti f'allegazzjoni illi kien sar apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti u konsegwentement sostniet, kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-qrati, li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet serji.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hija tal-fehma li hemm certa nkonsistenzi fil-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti u dan fir-rigward tal-obbligi tas-sewwieqa tenut kont tac-cirkostanzi tat-triq fejn sehh l-incident.

Hawn wiehed irid izomm quddiem ghajnejh cirkostanza relevanti u cioe` li t-triq fejn sehh l-incident hija maghmula minn zewg karreggati mixjin fl-istess direzzjoni, liema karreggati huma maqsuma b'linja mhux kontinwa. Dan ifisser li t-triq li fiha kienu jsuqu l-kontendenti hija formata minn zewg *lanes.* Ghalhekk mhux tant rigoruza r-regola ndikata mill-ewwel Qorti dwar is-sorpass u cioe` li dan ghandu jsir dejjem minn fuq in-naha tal-lemin. Infatti l-paragrafu 72 subinciz (ii) tal-**Highway Code** jghid li r-regola tal-"*Overtake on the right*" ma tapplikax "*when vehicles in the lane on your right are moving more slowly than you are*." Il-fatt li hemm zewg karreggati sejrin fl-istess direzzjoni jipprospetta l-possibilita` li vetturi jbiddlu minn *lane* ghall-iehor; pero`, kif ighid l-paragrafu 60 tal-istess **Highway Code**, din il-manuvra tista' biss issir "*with proper caution and after due notice to other traffic."*

Dan igibna ghar-responsabbilita` tal-konvenuta meta giet biex tbiddel il-karreggjata. L-ewwel Qorti donna timponi dmir akbar fuq sewwieq li jkun wara milli fuq dak li jkun fuq quddiem u li jkun jixtieq ibiddel il-karreggata. Infatti fis-sentenza riportata l-ewwel Qorti tghid hekk dwar minn jkun fuq wara "*Dan igib mieghu l-htiega li jara sewwa x'ikun qieghed isehh quddiemu (imqar mis-sewwieq li jkun qieghed isuq fuq quddiem) u li jassigura li s-sewqan tieghu ikun b'mod li f'kull waqt ma jikkawzax pregudizzju lil min ikun quddiem.*" Huwa minnu li minn ikun isuq wara vettura ohra ghandu jzomm *a proper look out* biex jiehu konjizzjoni ta' dak kollu li jkun qed jigri fit-triq. Dan l-obbligu, infatti, jinkombi fuq kull utent tat-triq u mhux biss fuq is-sewwieq ta' vettura li tkun isegwi vettura ohra. Izda huwa daqstant dmir is-sewwieq ta' vettura ta' quddiem li joqghod lura milli jaghmel xi manuvra li biha tista' tahsad jew tfixkel utenti ohra tat-triq. Dan japplika *multo magis* meta triq ikun fiha zewg *lanes* billi kif jiddisponi l-paragrafu 58 tal-Highway Code "*Where the carriageway is marked out by means of white lines, abide by such lines.*" Isegwi li, kif gja` inghad hawn fuq, vettura, ghalkemm permessa li taqleb minn *lane* ghall-iehor, trid taghmel dan "*with proper caution and after due notice to other traffic.*"

Il-konvenuta tghid li qabel ma ttentat taghmel il-manuvra biex mil-*lane* ta' mal-bankina taqleb ghal-*lane* ta' mas-*centre strip* hija harset minn gol mera u ma rat ebda traffiku miexi f'dik il-*lane*. Kien ghalhekk li bdiet il-manuvra taghha billi gibdet lejn il-lemin. Il-konvenuta ma tghidx li hija ghamlet sinjal biex tavza lill-vetturi ta' warajha li kienet ser taghmel din il-manuvra. Hawn din il-Qorti tirravviza nuqqasijiet serji da parti tal-konvenuta billi fl-ewwel lok mhux verosimili li meta harset fil-mera hija ma ratx vetturi fuq il-*lane* ta' mal-bankina billi, *ex admissis* hija giet sorpassata min-naha tal-lemin minn hu l-attur meta kienet ghadha bejn karreggata u ohra. Dan jista' jfisser biss li, almenu, hu l-attur f'xi hin qabel ma l-konvenuta ittentat tigbed lejn il-lemin kien jinsab jsuq fil-karreggata ta' mas-*centre strip*. Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-konvenuta naqset milli tosserva l-obbligu ta' *proper lookout* tant mehtieg minn sewwieq li jkun ser jaqleb minn *lane* ghal

iehor. F’dan il-kuntest din il-Qorti tosserva, kif sewwa ghamlet l-ewwel Qorti, li fit-triq in kwistjoni l-vizwali hija fit-tul u mhux ostakolata, u ghalhekk bi ftit attenzjoni l-konvenuta setghet tara *what was in clear view,* anke jekk warajha.

Il-konvenuta naqset ukoll meta ttentat taghmel il-manuvra taghha minghajr ma taghti preavviz lit-traffiku miexi warajha bl-uzu tal-*indicators*. Dan il-preavviz huwa dejjem mehtieg, anzi f’toroq bhal Santa Venera By Pass fejn it-traffiku generalment jimxi bi *speed* elevat, huwa ta’ massima importanza biex is-sewwieqa ta’ vetturi li jkunu mixjin wara l-vettura li ser taghmel dik il-manuvra u li jkunu ser jittantaw sorpass - kif ghandhom kull dritt la darba it-triq hija *two lane* u l-konvenuta *ex admissis* kienet miexja bi *speed* baxx - ikun jistghu jiehdu dik l-azzjoni mehtiega *a tempo debito*.

Dan premess, ghandu jigi rilevat li ma kienx hu l-attur li gie involut f’incident minhabba l-manuvra inaspettata u nkonsulta tal-konvenuta, izda kien l-attur li kien jsuq wara huh u biex jevita skontru mal-konvenuta gibed lejn ix-xellug u spicca fil-gandott ma genb it-triq. F’dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li l-manuvra ta’ hrug min-naha tax-xellug lejn il-lemin da parti tal-konvenuta, ghalkemm inaspetta ghal hu l-attur, kienet aktar determinanti ghall-attur innifsu li, mid-distanza ta’ cirka ghaxar vetturi, seta’ jinduna li l-konvenuta kienet ser timblokkalu l-karreggata u b’hekk isir impatt minhabba l-velocita` elevata li kien ghaddej biha. Kien ghalhekk li dan ha l-azjoni evaziva li waslet ghall-incident in kwistjoni.

Mghadud dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li n-negligenza tal-konvenuta konsistenti f’nuqqas ta’ *proper lookout* u nuqqas ta’ preavviz, kienet determinanti ghall-akkadut u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha tigi attribwita, xi responsabbilita` ghal dak li gara. B’dana kollu din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti meta gie dikjarat li fil-mument tal-incident l-ahwa Camilleri kienu qeghdin itellqu u konsegwentement mixjin bi *speed* elevat hafna li wassal li l-attur, mal-manuvra evaziva li ghamel, jitlef il-kontrol tal-vettura tieghu u spicca fil-gandott fuq ix-

xellug tat-triq. Din il-Qorti tirravviza certa *speed* da parti ta' l-attur sew mil-fatt li dan ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu kif ukoll, u partikolarment, mill-fatt li bhala rizultat l-vettura tieghu sofriet danni ngenti li generalment huma indikazzjoni cara ta' *speed* elevat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti hija tal-fehma li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu jahtu ghal dak li gara fi proporzjonijiet ta' zewg terzi l-appellant Camilleri u terz l-appellata Schembri, u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata fejn din cahdet it-talbiet attrici u kkundannat lill-attur ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, u filwaqt li tiddikjara li kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu responsabbli ghall-akkadut fi proporzjonijiet kif fuq inghad, tordna li l-atti tal-kawza jergaw jintbghatu quddiem l-ewwel Qorti biex jigu likwidati d-danni tal-attur in linea ma' dak deciz f'din is-sentenza. Tordna wkoll li l-ispejjez kollha, kemm dawk tal-prim istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, jigu sopportati mill-kontendenti fi kwoti hekk: zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur Brian Camilleri u terza parti ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuta Maria Schembri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------